# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 15 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 21**

**Avviz numru 182/01/SM**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Margaret Cassar**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u sitt liri Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm406.22,0) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz ta' telefon bin-numru 678486 (skond kif jirrizulta mill-anness statement Dok. A) liema servizz gie stallat fil-fond li jgib l-isem "St. Albans", Triq Castaldi, Zabbar, u dan skond ma kif jidher mis-"service agreement" Dok. B;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta' Lulju, 1999, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota tas-socjeta' attrici datata 8 ta' Novembru tas-sena 2001 li permezz taghha rriduciet is-sorte ghall-tlett mija u disgha u sittin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm369.72,0);**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma deheritx, la fit-8 ta' Novembru tas-sena 2001 meta gew pprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif ridotta bl-ispejjez kontra l-konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**